MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2001

Avvi$Z Numru. 1163/2000/1

**Avviz numru 1163/00 DM**

**Mario Caruana**

**Vs**

**Ahmed Shehata**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf u tmien mitt dollaru amerikan (US $1800), ekwivalenti ghal tmien mija u tmien liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm808.36c) liema ammont inghata lilu b'self 'brevi manu', u sabiex ihallas lura lill-attur ukoll dak il-valur li jigi likwidat minn din il-Qorti u li ma jeccedix is-somma ta' mitt lira maltija (Lm100), prezz ghal xiri ta' 'mobile phone' minghand l-attur.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-8 ta’ Awissu, 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghax mill-1 ta’ Gunju, 1999.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati u jimmeritaw konferma u l-Qorti qeghda ghalhekk tilqa` t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta’ tmien mija u tmien liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm808.36) ammont illi kien inghata lilu mill-attur b’self ‘brevi manu’ u li jhallas ukoll lill-attur is-somma ta’ mitt lira Maltin (Lm100), prezz ta’ ‘mobile phone’ li huwa kien xtara mill-istess attur.

Inoltre, tordna illi l-konvenut ghandu jhallas l-imghax fuq is-somma globali ta’ disa’ mija u tmien liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm908.36), b’effett mill-1 ta’ Gunju ta’ l-1999 u;

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------